QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
SUPERJURI

**MAGISTRAT DOTTOR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 ta' Mejju 2000**

Citazzjoni numru 77/94/MM

Domenic Xerri u b'digriet tat-28 ta' Settembru 1999 gie nominat Dr Alfred Grech bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-attur Domenic Xerri li miet fil-mori tal-kawza

-vs-

Joseph Zammit

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fis-sitta (6_ ta' Mejju ta' l-elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) fejn l-attur wara illi ppremetta illi huwa fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru ta' l-elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) ghall-habta tat-tmienja ta' fil-ghodu (8.00am) kien qieghed isuq il-vettura tat-tip "Peugeot 309D" u li ghandha numru ta' registrazzjoni C-5153 u proprjeta' tieghu, f'Foreman Street, Rabat, Ghawdex bid-diligenza kollha minnu rikjesta mil-ligi, bi speed moderat u fuq il-proper side tal-karregjat tieghu;

Illi l-konvenut kien qieghed isuq truck numru ta' registrazzjoni E-9302, prorprjeta' tieghu b'traskuragni grassa, imperiza u non osservaza tar-regolamenti tat-traffiku kien gej mid-direzzjoni taz-Zebbug u sejjer lejn id-direzzjoni opposta;

Illi l-konvenut kien qieghed isuq l-istess truck mhux fuq in-naha tieghu tal-karreggjata imma invada l-karregjata minn fejn kien ghaddej l-attur isuq il-vettura tieghu E-9302 bir-rizultat illi huwa investa l-vettura ta' l-attur C-5153 u kkagunalha danni ingenti, tant illi l-istess vettura a kawza ta' l-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi saret "a total loss" u minbarra dana l-attur sofra ukoll ksur tal-femur tal-lemin ta' saqajh, liema ksur sejjer ihallih b'debilitazzjoni permanenti ghall-ghomru;

Illi għalhekk għall-istess incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmija jaħti unikament il-konvenut li għalhekk ġie interpellat sabiex jersaq bonarjament għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha sofferti mill-attur fl-istess incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi, dana baqa' inadempjenti;

Talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din l-Qorti:

1. Tiddikjarah unikament responsabbli għall-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur fl-istess incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi, liema danni huma sewwa materjali (konsistenti fit-telf tal-vettura tiegħu (C-5153) kif ukoll fi spejjez oħra minfuqa minnhu minħabba l-ferita gravi li huwa sofra, kif ukoll fl-kwalita' ta' lucrum cessans (u dana minħabba d-debiitazzjoni permanenti li huwa sofra f'saqajh il-leminija) u dana okkorrendo permezz ta' perit nominat għall-istess fini.

3. Tikkundanna lill-istess konvenut li jħallas lill-attur d-danni kollha hekk minnu sofferti u likwidati minħabba l-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-sittax (16) ta' Marzu 1994 u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa imħarrek.

Bl-imgħaxijiet skond il-liġi.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Zammit fejn ecepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dana peress illi l-incident imsemmi ġara unikament minħabba imperizja, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat il-kontro talba tal-konvenut fejn ippremetta illi huwa jrid jinqeda bic-citazzjoni li għamel l-attur sabiex jagħmel kontro talba fis-sens illi premessi dikjarazzjoni necessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tal-elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura tal-marka Leyland bin-numru tar-registrazzjoni ittra E-disgha, tlieta zero tnejn (E-9302) minn Triq l-Imghallem, Victoria, Ghawdex huwa kien involut f'incident awtomobilistiku ma' vettura ohra tal-marka Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni ittra C - hamsa wiehed hamsa tlieta (C-5153) misjuqa mill-attur.

Illi dan l-incidnet gara unikament  minhabba imperizja, traskuragni, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur.

Illi konsegwenza ta' dan l-incident l-konvenut sofra danni sostanzjali kif jigi ampjament ipprovat fil-kors tal-kawza.

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet l-attur naqas li jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti.

Talab lill-attur jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-attur unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwetement sofferti mill-konvenut.

2. Tillikwida dawn id-danni.

3. Tikkundanna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenut l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez inkuzi dawk ta' l-ittra interpellatorja spedita fil-11 ta' Marzu 1994 u ta' l-ittra ufficjali spedita f'Marzu 1994.

L-attur imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab ngunt.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur Domenic Xerri ghall-kontro citazzjoni tal-konvenut Joseph Zammit fejn ecepixxa:

1. Illi t-talbiet tal-konvenut huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dana perss illi huwa bl-ebda mod u manjiera ma huwa responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwestjoni li gara unikament tort u htija ta' l-istess konvenut, Joseph Zammit.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-digriet taghha tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru ta' l-elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) fejn innominat lill-Avukat Dr Joseph Micallef Stafrace bhala perit legali bl-assistenza tal-Professur Victor

Griffits nominat fis-sittax (16) ta' April ta' l-elf disa' mija sitta u disghin (1996).

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali fuq imsemmi ipprezentata fit-30 ta' Awissu 1996 u mahlufa fid-29 ta' Ottubru ta' l-elf disa' mija sitta u disghin (1996).

Rat ir-relazzjoni tal-Professur Victor Griffits ukoll ipprezentata fit-tletin (30) ta' Awissu ta' l-elf disa' mija u sitta u disghin (1996) u mahlufa fil-hamsa (5) ta' Novembru ta' l-elf disa' mija u sitta u disghin (1996).

Rat id-digriet taghha tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru ta' l-elf disa' mija u disgha u disghin (1999) fejn innominat lil Dr Alfred Grech bhala kuratur deputat wara l-mewt ta' l-attur fil-mori ta' din il-kawza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda incident tat-traffiku li gara fi Triq l-Imghallem, fl-27 ta' Novembru 1993 ghal xi s-sebgha u nofs ta' fil-ghodu (7.30am). Kienu involuti karozza Peugeot numru C-5153 misjuqa mill-attur u truck Leyland bin-numru E-9302 misjuq mill-konvenut. Fl-incident l-attur spicca gravament imwegga' u permanentement dizabilitat b'rata ta' ghoxrin fil-mija (20%) kif kalkulat mill-espert mediku l-Professur Victor Griffits.

Irrizulta illi fil-hin ta' l-incident l-art kienet imxarba bin-nida u l-attur jghid illi ra lill-vettura tal-konvenut tavvicinah mill-boghod u ghalhekk meta waslu vicin, ghafas il-brake, izda il-karozza skiddjat fuq in-nida li kien hemm fit-Triq u baqa' diehel kwazi head on fuq it-truck.

Fil-qosor il-konvenut jghid illi huwa induna wkoll bil-prezenza ta' l-attur gej mill-faccata, jghid pero' illi kien qed isuq b'velocita' qawwija. Jara lill-attur, jipprova jzomm il-karozza billi jaghfas il-brake, izda l-karozza ma zammitx u baqghet diehla dritt ghal fuqu.

Bhala rizultat ta' l-incident, il-karozza ta' l-attur, sofriet danni konsiderevoli, tant illi s-surveyor, il-Kaptan Micallef, iddeskriva l-vettura bhala right off, ara fol ghaxra (10), u l-pre accident value tal-karozza giet stmata fl-ammont ta' tlett elef u tliet mija (Lm3,300). Dak illi kien fadal gie stmat mitejn u hamsin lira (Lm250).

Il-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet maghmula mill-esperti mahtura minnha, illi r-responsabbilta' ta' dan l-incident ghandu jigi ripartit bejn iz-zewg sewwieqa, b'dana illi r-responsabbilta ta' l-attur hija ferm aktar gravi minn dak tal-konvenut.

Il-kawza principali ta' din ir-responsabiltaaktar gravuza hija n-nuqqas ta' prekawzjonijiet mehuda mill-attur stante c-cirkostanzi partikolari tat-triq. A fol sixty four (64), il-perit legali jghid testwalment *"ghalhekk in-nida la kienet kriminanti u anqas attenwanti ghall-attur. Il-car skidjat ghax id-driver kien isuq bi speed high u dana gieghel lil car li tiskidja bla ma zzomm on brake tempestivament".* Din il-konkluzjoni hija konformi mal-gurisprudenza recenti dwar incidenti kawzati minn skid.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza "Il-Pulizija –vs- Alfred Attard" (Vol XLVII Part 4 pg. 1195) fejn gie ritenut li l-iskidd wahedha mhix prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Trid issir indagni jekk kienx hemm negligenza antecedenti jew konkomitanti, jekk dina tirrizulta allura hemm responsabbilta nonostante l-iskid, jekk le allura l-iskid tkun imputabbli ghal *inevitable accident.*

L-istess fil-kawza "Guzeppa Debono –vs- Philip Camilleri" (Vol XLVI parte I pg. 112) il-Qorti qalet "sewwieq prudenti ghandu joqghod iktar attent meta l-art tkun imxarba u jaddatta s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u cirkostanzi tal-lokalita".

Evidentement l-attur ma addattax is-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi tal-lokalita'. Kien qed jinduna li fit-triq kien hemm in-nida li allura jaghmlu l-vettura tieghu aktar difficli biex jikkontrolla fil-kaz ta' emergenza. Din l-emergenza avverat ruhha meta tfaccat il-vettura tal-konvenut, u l-attur ma kienx f'posizzjoni li jikkontrolla l-karozza tieghu ghax kien diga' poggiha f'posizzjoni difficli minhabba s-sewqan imprudenti li kien ghaddej bih.

Bhalma jghid il-ktieb awtorevoli "Driving the Department of Transport Manual" f'pagna mija u tnejn u sittin (162) *"There are three factors in a skid in order of importance: The driver, the vehicle and the road. Skids are more likely in some places then in others, but the part the road plays in a skid is not much more than providing somewhere fit for it to take place, but skids do not just happen, they result from what a driver does with his vehicle ….."*

Bhalma diga' inghad l-attur ma kienx qed juza l-vettura tieghu b'mod prudenti, stante c-cirkostanzi li kien jinsab fihom dak il-hin u ghalhekk il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzzjonijiet milhuqa mill-perit legali u l-argumenti minnu migjuba, inkluz ir-ripartit tar-responsabbilta ghal dak li jirrigwarda r-rata ta' hmistax fil-mija (15%) attribwibbli lill-konvenut ghar-ragunijiet migjuba mill-istess perit legali a fol 64 tal-process.

U ghalhekk tiddikjara li fil-fehma taghha l-attur ghandu jbati htija ghal dan l-incident bir-rata ta' hamsa u tmenin fil-mija (85%) u hmistax fil-mija (15%) ghall-konvenut.

Mill-bqija l-Qorti taghmel referenza ghal-likwidazzjoni tad-danni kif maghmula mill-perit legali a fol 65 tal-process, fejn b'mod akkurat gie mahdum l-ammont ta' danni illi huwa dovut kemm ghall-attur kif ukoll ghall-konvenut. Dana jgib ammont ta' elfejn erba' mija tmienja u erbghin (Lm2,448) ghall-attur, u hames mija tmienja u hamsin lira u sebghin centezmi (Lm558.70) ghall-konvenut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza intestata mill-attur billi tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident fuq imsemmi b'rata ta' hmistax fil-mija (15%).

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-istess incident awtomobilistiku fuq imsemmi fl-ammont ta' elfejn erba' mija tmienja u erbghin lira (Lm2,448) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur dan l-ammont hekk likwidat.

Tiddisponi mill-kontro talba tal-konvenut billi tiddikjara lill-attur responsabbli ghal dan l-incident bir-rata ta' hamsa u tmenin fil-mija (85%).

Tillikwida d-danni dovuti lill-konvenut fl-ammont ta' hames mija u tmienja u hamsin lira u sebghin centezmi (Lm558.70) u konsegwentement tikkundanna lill-attur li jhallas lill-konvenut dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez li ghandhom jitqassmu kwantu ghal tlett kwarti (3/4) lill-attur u kwart lill-konvenut (1/4).